# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Il-Pulizija**
(Spettur Paul Vassallo)

-vs-

**Raymond Camilleri ta' 44 sena bin il-mejjet Angel u Josephine nee' Muscat, imwieled Victoria, Ghawdex fit-3 ta' Marzu 1954 u li jirrisjedi fil-fond "Bee Hive", Triq il-Qala, Qala**
**I.D. Nru. 27854(G)**

Illum 10 ta' Settembru 2001

Il-Qorti;

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Novembru 1998, fil-fond "Willow Grove", fi Triq Guze Bonnici, Nadur, Ghawdex, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hames mitt lira Maltin (Lm500) u dan ghad-dannu ta' Eugenio Camilleri minn Nadur;

2. Ukoll talli kiser il-provvedimenti ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex fil-5 ta' Lulju 1998.

Rat ir-rinviju ta' l-Avukat Generali (folio 103) li bih dehrlu li mill-atti tal-kumpilazzjoni setghet tinstab htija (jew htijiet) taht l-Artikoli tal-ligi minnu citati u ghalhekk iddecieda skond l-Artikolu 370(3) (a) tal-Kodici Kriminali li jibghat lill-imputat biex jigi gudikat minn dina l-Qorti f'nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat skond l-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kap 9.

Rat li l-prosekuzzjoni ma kellhiex xhieda ohra x'toffri u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dina l-kawza tigi trattata u deciza minn dina l-Qorti.

Ezaminat ix-xhieda prodotta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

L-Artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali jipprospettaw ir-reat ta' hsara volontarja u l-ksur ta' ordni ta' probation ukoll li l-allegat reat sar waqt perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Dwar il-fatti, li l-imputat jammetti, l-istess jirrizultaw li sehhew fil-lejl imsemmi fl-akkuza meta l-imputat dahal fir-residenza "Willow Grove" fi Triq Guza Bonnici, Nadur, Ghawdex u kkaguna diversi hsarat billi waddab zebgha fuq diversi oggetti anke ghamara li kienu gewwa dan il-fond ossija razzett. Irrizulta mix-xhieda prodotta li d-danneggjat huwa hu l-imputat li ghalkemm ma xehditx, stante li imsiefer, kien hafer lill-imputat. Jinghad ukoll li l-imputat xi jum antecedenti li gie imressaq bil-prezenti akkuzi kien intrabtet permezz ta' skrittura li jirrimedja ghad-danni kollha kkagunati. Jidher li l-imputat dan ghamlu.

Illi mill-process verbal senjatament mir-relazzjoni tal-perit arkitett nominat mill-Magistrat Inkwirenti jirrizulta li l-entita' tal-hsara kienet tlahhaq is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4000). Dan il-fatt abbinat ma' l-ammissjoni ta' l-imputat kien jirrendih hati tar-reat lilu addebitat ghal ta' l-inqas dak ta' hsara volotnarja skond l-Artikolu 325(a) tal-Kap 9 li hu punibbli bi priguneria minn tliet xhur sa massimu ta' erba' snin, izda mhux ukoll taht l-Artikolu 10 tal-Kap 152 stante li l-unika sentenza esebita, dik a folio 26, ma tikkombinax fid-data mas-sentenza riferita fl-akkuza.

Illi pero', u nonostante dak li ntqal hawn fuq, il-hsara giet kommessa mill-imputat kontra proprjeta' ta' huh, liema huh apparti li hafer lill-imputat u rrinunzja ghall-azzjoni kriminali ma jirrizultax li ghamel kwerela sabiex il-pulizija tissokta din il-kawza kriminali. L-Artikolu 332 tal-Kap 9 huwa car fit-termini tieghu u jesigi l-kwerela tal-parti leza f'cirkostanzi fejn il-hsara issir ghad-detriment ta' l-ahwa. Dan ifisser li l-proceduri kirminali m'humiex prosegwibbli "ex officio" izda biss wara kwerela tal-parti danneggjata li fil-prezenti kaz jirrizulta li ma saritx.

In vista ta' dan il-Qorti qeghdha ghaldaqstant tiddikjara procediment ezawrit u qeghdha tillibera lill-imputat minn kull piena.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur